MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Numru 171/2011

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)

vs

Paul Abela

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta numru ta' identita' 94851M, akkuzat talli fl-24 ta' Settembru 2010, fil-harga tal-fuljett electtroniku "GRTU NEWSTRING", f'dawn il-Gzejjer:

1. bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk iffirmata bl-isem tieghu innifsu jew b'isem mahluq, hedded lil Perit Michael Falzon b'xi delitt u dan bi skur ta' l-Artikolu 249(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew li jnaqqas il-gieh tal-Perit Michael Falzon wegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji, b'figuri jew disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 252(1)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess zmien u cirkostanzi u permezz ta' l-istess mezz stampat, ta malafama lill-Perit Michael Falzon u dan bi ksur ta' l-Artikolu 11 ta' l-Att dwar l-istampa Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. rrenda ruhu recediv b'sentenza moghtija lilu nhar it-28 ta' Ottubru 2009 mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr A. G. Vella LL.D. u dan bi ksur ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Genererali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma: l-imputat qua President tal-GRTU fil-harga tar-rivista elettronika 'GRTU new STRING' tal-24 ta' Settembru 2010 taht it-titolu 'Insulting all civil society' kiteb artikolu, li jinsab fl-ewwel faccjata, li minnu, il-Perit Michael Falzon, hassu ingurjat. Din l-allegata ingurja hi kontenuta fit-tieni paragrafu tal-artikolu senjatament mill-kliem li jibdew "In Malta" u jispiccaw "Maltese civil society". Meta xehed il-kwerelant hu stqarr testwalment hekk: "...meta qrajt l-artikolu rrejalizzajt li dan kien attack minn naha tal-GRTU kontra l-fatt li kienet twaqqfet ghaqda, il-Malta Developers Association, li taghha jiena il-President. F'dan l-attakk saru wkoll certu akkuzi fil-konfront tieghi li jiena ma nistax naccetta fosthom illi jiena qed nuza lill-association biex naghmel cover up ghall-akkuzi kriminali li ghandu Sandro Chetcuti, il-vici president ta' din l-associazzjoni, fil-Qorti Kriminali. U kif inhi miktuba li jiena qieghed konxjament naghmel xi haga biex nghatti lil Sandro Chetcuti u allura jiena qieghed naghmel obstruction of justice fil-kaz ta'

Sandro Checuti li minnu nnifsu hija xi haga li qed nigi akkuzat jiena b'delitt fil-fatt. Apparti minn hekk, apparti li qalu li jiena insulentajt is-socjeta' civili u qalu wkoll li Michael Falzon is for me another dead man walking. Dead man walking hija espressjoni uzata ghan-nies li jkunu ... jigifieri dawk li jkunu inqatghetilhom (ghall-mewt) u hafna drabi fis-socjeta' taghna dead man walking jigifieri inti qed tesponi ruhek biex xi hadd jassassinak. Bazikament dawk iz-zewg punti li hemm li huma fl-opinjoni tieghi serji u li jiena ghalhekk ghamilt kwerela. Apparti hekk hemm ukoll li jiena dhalt fl-MDA to redeem myself wara li kont Ministru waqqaft il-Planning Authority. Qisni meta waqqaft il-Planning Authority ghamilt xi haga li ma kellix naghmilha u issa qed immur to redeem u to redeem tfisser li tkun ghamilt xi dnub, tkun ghamilt xi haga hazin u allura qed jghidu li din l-ghaqda hija so that I redeem myself minn dak li ghamilt fil-passat u again hija insulenza li daqxejn difficli biex ssir. Dan hu l-ilment tieghi dwar dan l-artikolu...".

Trattat l-artikolu 'de quo' hu bizzejjed car li huwa intiz primarjament bhala kritika aspra u harxa fil-konfront ta' Sandro Chetcuti in kwantu elett vici president tal-associazzjoni tal-isviluppaturi fl-isfond tal-incident ben not li fih kien involut mal-president tal-associazzjoni li taghha l-imputat huwa il-vici president. Izda l-kwerelant fil-kaz 'de quo' mhuwiex l-imsemmi Chetcuti izda l-Perit Michael Falzon, gia' ministru anke tal-artijiet f'amministrazzjonijiet ta' gvernijiet precedenti, li gie kjamat in kawza fl-istess artikolu qua president tal-associazzjoni li elegiet lil Chetcuti bhala vici president. Jghid testwalment l-artikolu f'parti fit-tieni paragrafu tieghi illi "...in Malta Sandro Chectcuti finds an ex-Minister of the Party who has fought so much, and continues to fight, for the rule of law and for the respect of civil society and national ethical behaviour who cheekily covers up for him and accepts him as his deputy", segwit dan bil-frasi "Michael Falzon is for me another dead man walking". Hawnhekk il-Qorti thoss li mhiex tant l-uzu tal-frasi 'dead man walking' li hi offensiva in kwantu fil-fehma taghha din ma tistax hlief tfisser fil-kuntest tal-artikolu li l-persuna li ghaliha l-frazi hi diretta

jkun ahjar li tmur tinheba - “vanishes from the public eye” kif fisser l-imputat.

Hu daqstant iehor pacifiku li l-metru applikabbli hu dak ta’ qarrej ordinarju ta’ inteligenza normali u mhux l-interpretazzjoni li jakkorda lill-iskritt minn ihossu offiz. U tabilhaqq fl-libell diffamatorju meta il-kliem ‘per se’ ma jkunx ingurjuzi allura hu dmir tal-kwerelant li qabel xejn jipprova l-karattru ingurjuz taghhom u jkun l-obbligu tieghu li jipprova l-innuendo. Din, il-Qorti tiddentifikah fil-kliem adoperati mill-imputat - ‘cheekly covers up for him and accepts him as his deputy’ meta fil-paragrfu antecedent jirrikonoxxi li l-imsemmi Chectuti gie elett mill-membri tal-assocjazzjoni ‘by acclamation’. Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti huwa hawn u hawn biss li tissusisti d-difamazzjoni.

Mill-bqija mhux qeghda tirrijavviza ebda theddid dirett kontra l-kwerelant fil-kitba ‘de quo’ u ghalkemm tissusisti it-tieni akkuza stante l-element tal- pubblicita’ tal-istess kitba din hi assorbita fit-tielet akkuza appena trattata.
Fil-konfront tal-ahhar imputazzjoni il-Qorti hi tal-fehma li s-sentenza esebita ma twassalx sabiex din l-akkuza titqies li giet ippruvata.

Rat ghalhekk l-Artikolu 11 tal-Kap 248. Issib l-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u tiddikjara it-tieni imputazzjoni assorbita. Tikkundannah mitejn euro multa. Tilliberah mill-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------